REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/328

tad-19 ta' Frar 2025

li jemenda l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni tal-istatus ta' riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika tas-Slovenja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 moqri flimkien mat-Taqsima A, il-punt 2.2, l-ewwel paragrafu, tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu (TSEs) f'annimali bovini, ovini u kaprini. L-Artikolu 15(1) ta' dak ir-Regolament jipprevedi, *inter alia*, li t-tqegħid fis-suq jew, jekk meħtieġ, l-esportazzjoni ta' annimali bovini, ovini jew kaprini u s-semen, l-embrijuni u l-ova tagħhom huma soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VIII tiegħu.

(2) It-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 fiha, *inter alia*, il-kundizzjonijiet li japplikaw għat-tqegħid fis-suq tal-annimali ovini u kaprini u s-semen u l-embrijuni tagħhom. Il-punt 2.1 ta' dik it-Taqsima jikkonċerna l-każ fejn Stat Membru jqis li t-territorju tiegħu jew parti mit-territorju tiegħu jippreżenta riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika. F'każ bħal dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa li turi li l-kriterji stabbiliti f'dak il-punt huma ssodisfati. Barra minn hekk, il-punt 2.2 ta' dik it-Taqsima jistipula li l-Kummissjoni tista' tapprova l-istatus ta' riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika tal-Istat Membru jew taż-żona tal-Istat Membru. Il-punt 2.2 ta' dik it-Taqsima jipprevedi wkoll li l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni ppreżentata f'konformità mal-punt 2.1 tagħha relatata ma' dik il-marda. Barra minn hekk, il-punt 2.3 ta' dik it-Taqsima jelenka l-Istati Membri li għalihom ġie approvat l-istatus ta' riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika.

(3) Fis-26 ta' Ġunju 2023, is-Slovenja ppreżentat applikazzjoni lill-Kummissjoni biex tiġi rikonoxxuta bħala li għandha status ta' riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika. Il-Kummissjoni tat opinjoni favorevoli dwar l-applikazzjoni tas-Slovenja fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu A, it-Taqsima A, il-punt 2.1(a), (b), (d), (e) u (f) tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, iżda ma lestietx il-valutazzjoni tagħha fir-rigward tal-punt 2.1(c) ta' dik it-Taqsima. Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni talbet l-għajnuna xjentifika u teknika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) biex tevalwa jekk dak l-Istat Membru, fl-applikazzjoni tiegħu, weriex konformità mat-Taqsima A, il-punt 2.1(c) u l-punt 2.2, tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

(4) Fil-21 ta' Ottubru 2024, l-EFSA ppubblikat rapport xjentifiku dwar l-"Evalwazzjoni tal-applikazzjoni tas-Slovenja biex tiġi rikonoxxuta bħala li għandha riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika" ([2]) bi tweġiba għat-talba tal-Kummissjoni (ir-rapport tal-EFSA). Ir-rapport tal-EFSA jikkonkludi li, abbażi tas-sensittività dijanjostika pprovduta mill-EFSA u mill-Istitut taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Materjali u l-Kejl ta' Referenza (IRMM) għat-testijiet dijanjostiċi tal-iskrinjar użati mill-awtorità kompetenti tas-Slovenja għad-detezzjoni tal-iscrapie klassika, u abbażi tal-għadd u t-tip ta' annimali ovini u kaprini ttestjati għal dak l-għan bejn l-2016 u l-2023, is-sensittività ġenerali tas-sistema ta' sorveljanza applikata għad-detezzjoni tal-marda hija konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima A, il-punt 2.1(c), tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għal kull waħda minn dawk is-seba' snin.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/999/oj.
([2]) https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.9042.

(5) Ir-rapport tal-EFSA jikkonkludi wkoll li, abbażi tas-sensittività tal-ittestjar ipprovduta mill-evalwazzjoni tal-passat tat-testijiet tal-iskrinjar dijanjostiku mill-EFSA u mill-IRMM, l-intenzjonijiet tas-Slovenja li jikkonċernaw is-sorveljanza tal-iscrapie klassika fil-futur jkomplu jkunu konformi mat-Taqsima A, il-punt 2.2 tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

(6) Filwaqt li jitqies ir-rapport tal-EFSA u l-eżitu favorevoli tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' din l-applikazzjoni mal-kriterji l-oħra stabbiliti fit-Taqsima A, il-punt 2.1, tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jenħtieġ li s-Slovenja tiġi elenkata bħala Stat Membru b'riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li t-Taqsima A, il-punt 2.3 tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tiġi emendata sabiex is-Slovenja tiżdied mal-lista ta' Stati Membri bi status ta' riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, fil-Kapitolu A, fit-Taqsima A, il-Punt 2.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.3. L-Istati Membri jew iż-żona tal-Istat Membru b'riskju negliġibbli tal-iscrapie klassika huma li ġejjin:

— L-Awstrija

— Iċ-Ċekja

— Is-Slovenja

— Il-Finlandja

— L-Iżvezja."